MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2011

Numru. 771/2011

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Sandro Zarb)**

**Vs**

**Karlis Meiers**

Il-Qorti,

Rat il-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-Latvja kontra KARLIS MEIERS maghruf minn issa l-quddiem bhala l-estradant minn fejn jirrizulta illi dan hu mfittex mill-istess awtoritajiet ta' pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali numru 320 tal-2004 u dan ghar-reat ta' desakrazzjoni ta' oqbra u kadavri kif indikat fl-istess Mandat u li dwaru qed tintalab it-treggija lura lejn il-Latvja.

Rat ic-certifikat hawn anness mahrug mill-Avukat Generali skond l-artikolu 7.

Rat it-talba ghall-estradizzjoni tal-estradant lejn l-imsemmija Awtorita Gudizzjarja.

Rat id-dokumenti kollha annessi.

Rat id-decizjoni moghtija mill-istess Qorti fil-11 ta' Lulju 2011.
Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat
Illi dawn il-proceduri waslu fil-parti finali taghhom fis-sens li wara li gie konkluz l-'initial hearing' u nghatat id-decizjoni fil-posittiv dwar jekk dan il-kaz jittratta dwar 'an extraditable offence', l-istess Qorti trid tara jekk hemmx involuti wiehed jew aktar mill-'bars to extradition' kif elenkati fl-artikolu 13 tal-Avviz Legali hawn fuq imsemmi. Kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2011, l-estradant ma qajjem l-ebda wiehed minn dawn il-'bars to extradition' li b'xi mod, seta' jkun applikabbli ghal dan il-kaz u ghalhekk ma jidhirx li hemm xi projbizzjoni ghall-estradizzjoni tieghu fuq din il-bazi u ghalhekk tista' tipprocedi skond l-artikolu 13(5) u 24 tal-istess Avviz Legali.

Illi pero', ingieb a konjizzjoni tal-istess Qorti illi l-estradant hawn Malta, qed jirrinfacca proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) in konnessjoni ma serq ikkwalifikat bi vjolenza hawn Malta, liema proceduri, ghadhom fl-istedju ta' "rinviju" u in konnessjoni maghhom ghadhom ma nhargux akkuzi (ara l-verbal tas-seduti tat-30 ta' Gunju 2011 u tas-6 ta' Lulju 2011). Hawnhekk il-Qorti trid tara jekk ghandhiex tapplika l-artikolu 28A tal-istess avviz legali fis-sens trid tara jekk ghandhiex tipposponi, fid-diskrezzjoni Taghha ("tista") l-konsenja tal-estradant sakemm tigri wahda mic-cirkostanzi specifikati fl-istess artikolu 28A(a)(b)(c)(d). Dwar dan il-Qorti tara illi tenut kont tal-gravita tal-imputazzjonijiet lokali (ara l-anness dokument "in materia" presentat b'nota, fil-15 ta' Lulju 2011) li huma aktar serji minn dak li hu akkuzat

quddiem l-Awtorita Gudizzjarja barranija kif ukoll li l-proceduri lokali jinsabu fi stadju ta' "rinviju" meta l-akkuzi ghadhom ma nhargux fil-konfront tal-estradant, il-Qorti tara li ghandu jsir, f'dan il-kaz posponiment tal-konsenja tal-istess estradant skond l-artikolu 28A(2).

Ghaldaqstant, il-Qorti a bazi ta' dak premess, tordna li l-estradant jinzamm taht kustodja u li hu ghandu jintbaghat lejn l-Awtorita Gudizzjarja involuta skond il-Mandat ta' Arrest Ewropew in ezami u dan skond l-artikoli 13(5) u 24 ibid waqt li Tordna li l-konsenja tieghu tigi posposta skond l-artikolu 28A ibid. il-Qorti ghandha tigi nformata mill-Avukat Generali dwar meta tavvera ruhha wahda mic-cirkostanzi specifikati fl-artikolu 28A(a)(b)(c)(d) gja msemmija.

Inoltre, l-Qorti qed tinforma lill-estradant li hu jista' jinterponi Appell quddiem il-Qorti tal-Appell kif ukoll f'kaz li hu jhoss illi id-drittijiet umani nkisru, qed jinkisru jew ser jinkisru, hu ghandu d-dritt ta' rimedju a bazi tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew a bazi tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------